**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Bashir Aladin Ahmed**

**Kumpilazzjoni 150/2020**

**Illum, 10 ta' Gunju 2020**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **"Bashir Aladin Ahmed, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 75437A:**
>
> Nakkuzah talli nhar id-19 t'April 2020 ghall-habta ta' 00:30hrs u hinijet ta' qabel gewwa 255, Flat 1A, Triq D' Argens, Gzira:
>
> 1. Ghamilt offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna tas-siehba tieghek Yuliia Korliuk detentrici tal-karta ta' l-identita bin-

numru 212241A skond kif iccertifikat minn Dr Marika Caruana MD (Med Reg No 2397) minn Gzira Health Centre u dan bi ksur tal-Artikoli 214, 215, 221 (1) u 222 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'hekk irrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta minn Magistrat Francesco Depasquale nhar it-12 ta' Dicembru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Yuliia Korliuk billi jigu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412 C tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll li f'kas ta' htija, jigu applikati l-provedimenti ta' l-Artikoli 382 A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba ukoll li flimkien ma' hrug ta' ordni ta' protezzjoni, tohrog ordni ta' trattament li jkun mehtieg fil-konfront ta' l-akkuzat Bashir Aladin Ahmed u dan ai termini ta' l-Arrtikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi fis-seduta tal-lum stess il-parte civile iddikjarat u kkonfermat li trid twaqqaf dawn il-proceduri;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ma kellhiex provi ohra xi tressaq u ma ressqitx provi ohra dwar dak allegatament akkadut.

**DECIDE:**

Il-Qorti, stante illi l-parte civile irtirat il-kwerela, u stante li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi ohra, l-Qorti ghalhekk fuq nuqqas ta' provi ma tistax issib htija fl-imputat u konsegwentament qeghda tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba kontrih.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur